**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 336/2023**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**MALCOLM PULLICINO**

**Illum, 3 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **MALCOLM PULLICINO** ta' 20 sena, iben Christopher Pullicino u Rosanne Gauci, imwieled Pieta fil-11 ta' Ġunju 2002, residenti f'31, Sunset Court, Flat 2, Triq il-Qighan, Mellieħa li ġie akkużat talli bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena 2023, bejn id-disgħa ta' filgħaxija (21:00) u nofs ilejl (24:00) ġewwa il-Mellieħa u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżjjer:-

1. Wettaq att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-persuna ta' Christina Attard, liema att, fih innifsu, ma jikkostitwixxix wieħed mid-delitti kkunsmati jew attentati msemmijin fl-artikoli ta' qabel l-artikolu tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, u liema delitt sar fuq il-vittma ossia Christina Attard li kienet qegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati, kif ukoll kienet kemm formalment kemm informalmet f'relazzjoni mal-hati;

*(Artikoli 207; 202(h)(v)(vi ) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

Nakkuzawh ukoll talli bejn is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena 2023 u t-tletin (30) ta' Marzu tas-sena 2023 f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gzejjer:

2. B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġab ruhu b'tali mod li ta' fastidju lill-allegata vittma Christina Attard;

- talli ukoll gab ruhu b'mod li kien messu jkun jaf li ha jkun ta' fastidju ghad-detriment ta' l-allegata vittma Christina Attard,
- Issoġġetta lill-allegata vittma Christina Attard għal xi att ta' intimita fiżika,
- Talab favuri sesswali mingħand l-allegata vittma Christina Attard; u
- Talli fl-aħħar issoġġetta lill-allegata vittma Christina Attard ghal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u/jew għemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u/jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u/jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma,u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u/jew intimidatorji lejha, u liema delitt sar fuq il-vittma ossia Christina Attard li kienet qegħda tgħix fl-istess dar bħall-hati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati, kif ukoll sar ripetutament.

*(Artikoli 18, 251A(l )(a)(b)(c)(d)(e )); 251H(a )( b ) tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta);*

3. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, kkawża lill-allegata vittma Christina Attard biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta tagħha, liema delitt sar fuq il-vittma ossia Christina Attard li kienet qegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati, kif ukoll sar ripetutament.

*Artikolu 18; 251B(1 ); 251 (H)(a)( b ) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4.* Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor ossia ta' l-allegata vittma Christina Attard, u cjoe:

i. In-nuċċali tal-vista tal-allegata vittma Christina Attard;

ii. Is-sound system/amplifier tal-vettura Renault Twingo bin-numru ta' reġistrazzjoni MTT012 ta' kulur iswed;

iii. Il-mera tal-karozza fuq in-naħa tal-lemin u cjoe fuq in-naħa tal-passiġġier tal-vettura Renault Twingo bin-numru ta' reġistrazzjoni MTT012 ta' kulur iswed;

Liema ħsara hija ta' l-ammont li jeċċedi il-mitejn u ħamsin ewro (€250.00) iżda ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500.00);

*Artikolu 325(l)( b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, segwa lill-allegata vittma Christina Attard meta qagħad għassa jew spija fuq l-imsemmija persuna Christina Attard, aggravat bil-fatt illi dan id-delitt twettaq kontra l-allegata vittma Christina Attard li kienet qegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati u sar ripetutament;

*Artikolu 18; 251AA(3 )(g )(f ); 251H(a)(b ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, hedded jew insulenta bi kliem lill-allegata Christina Attard, u dan ai termini tal-Artikolu 339(l)(e ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 *et sequitor ta\-Kap.* 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383,384,385 u 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Christina Attard u tal-familjari tagħha.

Semghet lill-Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2024 l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

- Fl-artikoli 207; 202(h)(v) u 202(h)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18:251A(1)(a);251A(1)(b);251A(1)(c);251A(1)(d);251A(1)(e); 251A(2); 251A(4); 222(1)(a); 202(h)(v);202(h)(vi); 251H(a) u 251H(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18; 251B(I); 251B(2); 251H(a) u 251H(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli18;251AA(1)(a);251AA(1)(b);251AA(2)(a);251AA(2)(b); 251AA(2)(ċ); 251AA(2)(d); 251AA(3)(a); 251AA(3)(g); 251AA(4); 222(1)(a); 202(h)(v); 202(h)(vi); 251H(a) u 251H(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(1)(d) u 339(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 7;12;15A; 17; 23; 31; 382A; 383; 384; 385; 386;412C;412D;532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Semgħet lill-imputat waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2024 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu solennement dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-

difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru 2024 fejn laqgħat it-talba tad-difiża u ordnat li jinħatar Uffiċjal tal-Probation sabiex jitħejja rapport ta' qabel is-sentenza a tenur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda ta' Matthew Fleri Soler, l-Uffiċjal tal-Probation u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza ppreżentata minnu (Dok. MFS);

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li tirrimetti ruħha għar-rakkomandazzjonijiet li għamlet l-Uffiċjal tal-Probation fir-rapport ta' qabel is-sentenza;;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħda jinstab ħati tagħhom l-imputat, partikolarment ir-reat taħt l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali u r-reat tal-fastidju u segwiment ta' persuna oħra bil-moħbi. Hawnhekk il-Qorti tosserva illi l-piena għar-reat taħt l-imsemmi 207 huwa aggravat biż-żieda mandatorja ta' grad jew żewġ gradi bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali, li jfisser illi dak ir-reat huw punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin iżda mhux iktar minn għaxar snin.

Qieset ukoll il-kontenut tar-rapport ta' qabel is-sentenza u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation li rakkomanda li l-imputat jingħata sanzjoni fil-komunita' fil-massimu tagħha, bil-kundizzjoni li jingħata wkoll trattament għal kura psikjatrika jekk talvolta jirriżulta li dan ikun hekk meħtieġ.

Minn eżami tar-rapport il-Qorti fehmet illi l-imputat kellu trobbija difficli u għadda minn diversi trawmiet fosthom trawma emozzjonali minħabba s-separazzjoni tal-ġenituri tiegħu meta kellu eta' żgħira, u l-fatt li ta' ħdax-il sena ġarrab emoraġija ċerebrali u spiċċa f'koma, liema trawma baqgħet tinċidi b'mod negattiv fuq is-saħħa tiegħu. Iktar minn hekk, jirriżulta wkoll li l-imputat isofri minn problemi psikjatriċi fosthom l-ADHD u dyslexia u sa Ottubru 2023, wara l-kommissjoni tar-reati fil-konfront tal-vittma Christina Attard, kien qed jieħu kura psikjatrika. Trawma oħra li jidher li għadda minnu riċentement l-istess imputat kienet il-mewt ta' missieru li miegħu kellu relazzjoni tajba.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-imputat kien għad kellu l-eta' ta' għoxrin sena meta kkommetta r-reati li dwarhom ammetta l-ħtija tiegħu, għandu fedina penali kompletament netta, u għandu wkoll l-appoġġ ta' ommu u tal-familja li magħhom jidher li għandu relazzjoni tajba. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-imputat, minkejja li ma għandux kwalifiċi akkademiċi, imidd ruħu għax-xogħol u għandu ħiliet manwali tajbin ferm tant li minkejja l-eta' żgħira li għandu, jiġġestixxi negozju tiegħu stess fuq bażi self-employed. Għad li l-imputat jikkonsma l-kannabis fuq bażi rekreazzjonali, ma jidhrix li għandu dipendenza fuq din is-sustanza u ma jirriżultax lanqas li għandu xi vizzji oħrajn. Magħdud dan kollu l-fatt li kif ingħad qabel, l-imputat għadda minn trawmiet – mingħajr ebda ħtija tiegħu – li minħabba fihom jeħtieġ sapport għaliex evidentement ħallew impatt negattiv fuq is-saħħa mentali u emozzjonali tiegħu u xprunaw diffikoltajiet ta' imġieba li indubbjament ikkontribwixxew għal imġieba negattiva tiegħu fil-konfront tal-vittma.

Dawn iċ-ċirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, jimmeritaw li l-imputat jingħata sanzjoni komunitarja u mhux piena karċerarja, għaliex piena karċerarja, anke fil-minimum –

ċioe' erba' snin[1] b'żieda wkoll tal-piena skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(b) tal-Kap. 9[2] – żgur ma tkunx piena idonea jew xierqa għaliex ikollha effett detrimentali in kwantu tħassarlu, inevitabbilment u irrimedjabbilment, l-opportunita' li jimmatura fis-soċjeta' u jibni l-futur tiegħu fuq binarji tajbin billi jiffoka fuq l-aspetti pożittivi tiegħu u jorganizza u jistabbilizza ħajtu. Biex jagħmel dan, jeħtieġ li l-imputat jgħix fis-soċjeta' u jingħata gwida strutturata u għajnuna professjonali biex jegħleb l-isfidi emozzjonali u mentali u biex jevita u jżomm 'il bogħod mill-kriminalita'. Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti temmen bis-sħiħ li l-imputat jimmerita li jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation kif ġie del resto rakkomandat mill-Uffiċjal tal-Probation u kif ġie maqbul ukoll il-Prosekuzzjoni[3] u hi sodisfatta li s-sorveljanza tiegħu minn uffiċjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż il-karattru tal-ħati, il-ħruġ ta' Ordni ta' Probation ikun adatt, sejra tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi, bl-applikazzjoni tal-ewwel proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation.

Id-difiża, fit-trattazzjoni dwar il-piena, sostniet li l-imputat ma kkaġuna ebda ħsarat fl-amplifier u żgur li ma kkaġunax ħsara li minħabba fiha jinħtieġ li jinxtara sistema ġdida.

Madanakollu, l-imputat ammetta l-ħtija għall-akkużi kollha mingħajr eċċezzjoni, inkluż għalhekk ukoll għar-reat taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, addebitat fir-raba' imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni. Kemm hu hekk, fir-raba' imputazzjoni huwa ġie mixli, testwalment, li għamel ħsara volontarja (4.ii) fis-sound system / amplifier u kif ukoll (4.iii) fil-mera tal-vettura Renault Twingo bin-numru ta' reġistrazzjoni MTT 012 tal-vittma Christina Attard. Il-Prosekuzzjoni ressqet fl-atti stima maħruġa minn Joseph Martin fis-somma ta' €225 (Dok. OZ6), rappreżentanti l-prezz għax-xiri ta' amplifier ġdid. Joseph Martin fix-xhieda tiegħu ikkonferma li l-

[1] Il-piena minima għar-reat taħt l-artikolu 207 tal-Kap. 9 biż-żieda mandatorja ta' grad bl-applikazzjoni tal-artikolu 202 tal-Kap. 9.
[2] Ordni taħt l-artikolu 28A tal-Kap. 9 hija eskluża minħabba d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1).
[3] Ara dikjarazzjoni reġistrata fil-verbal tas-27 ta' Marzu 2025.

bass box li huwa ra fil-vettura ta' Christina Attard u li abbażi tiegħu ħareġ l-istima, kellu "*biċċa mhux qiegħda kif suppost … ma kienx kif suppost*". Christina Attard stess xehdet illi l-imputat kien qaċċat is-sound system kollu li kellha ġewwa l-karozza liema apparat spiċċa maqlugħ 'il barra[4]. Din l-evidenza ma ġietx kontestata u iktar minn hekk, kif ingħad diġa', l-imputat ammetta li huwa ħati li kkaġuna ħsarat fil-mera kif ukoll fl-amplifier fil-vettura ta' Christina Attard.

Fir-rigward tal-mera, jirriżulta mis-survey report ikkonfermat bil-ġurament ta' Natalino Attard, illi l-prezz tal-parts li jeħtieġ li jiġu rimpjazzati huwa ta' €140. Madanakollu, l-imputat ġie mixli u ammetta l-ħtija li kkaġuna ħsara biss fil-mera tal-vettura ta' Christina Attard u mhux ukoll f'xi parti oħra tal-vettura. Minn eżami tal-quotation Dok. OZ7, maħruġa mill-ispare parts department ta' Kind's Autosales Limited[5], jirriżulta illi l-prezz tal-mera (outer review mirror) li tappartjeni b'mod speċifiku lill-għamla u mudell tal-vettura[6], huwa ta' €52.07, liema prezz fil-fehma tal-Qorti jirrappreżenta l-ammmont tal-ħsara fil-mera tal-vettura.

Għalhekk, billi ma nġiebet ebda prova tal-valur tal-ħsara fin-nuċċali (imputazzjoni 4.i), l-ammont totali tal-ħsara kkaġunat għad-detriment ta' Christina Attard għall-fini tar-reat taħt l-artikolu 325(1) tal-Kap. 9, huwa ta' €277.07.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 202(h)(v)(vi), 207, 222(1)(a), 251A, 251AA, 251B, 251H(a)(b), 251HA, 325(1)(b) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil MALCOLM PULLICINO ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi**

---

[4] Ara ritratti f'paġna 197 tal-atti tal-kompilazzjoni (parti mir-relazzjoni Dok. MB1).
[5] Ara wkoll xhieda ta' Antoine Vella, rappreżentant ta' Kind's Autosales Ltd.
[6] Ara chassis number, indikat sija fiil-quotation Dok. OZ7, kif ukoll fs-survey report Dok. CA6.

**reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħatja għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Christina Attard għal żmien tliet (3) snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mill-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, tordna li l-Ordni ta' Trażżin jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-kaz.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, tordna lill-ħati jħallas lil Christina Attard is-somma ta' mitejn u sebgħa u sebgħin Euro u seba' ċentemżi (€277.07), b'kumpens għad-danni sofferti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' ħsara volontarja taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.**

**Din l-ordni tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u Christina Attard.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma komplessiva ta' tliet elef u erb' Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€3,004.67), rappreżentanti l-ispejjeż li ġew imħallsin lill-esperti u l-periti maħturin fil-proċeduri[7], fi żmien sena, u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni ta' din l-ordni.**

[7] Dr. Martin Bajda - €1,286.20; Keith Cutajar - €1,718.47.

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**